



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 5 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11506/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0259(NLE)

POLCOM 152
SERVICES 30
FDI 18
COLAC 84

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	5 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 435 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 435 final.

Mehmuż: COM(2023) 435 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2023
COM(2023) 435 final

2023/0259 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-proposta meħmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-awtorizzazzjoni tal-konklużjoni tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "l-FIK").

F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru [XX]¹, l-FTK ġie ffirmat fi [XX XXX 2023], soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea ("UE") u r-Repubblika taċ-Ċili ("iċ-Ċili") bħalissa huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u ċ-Ċili, min-naħa l-oħra, li ġie ffirmat fit-18 ta' Novembru 2002 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Marzu 2005 (b'applikazzjoni proviżorja mill-1 ta' Frar 2003)².

Minn meta daħal fis-seħħ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni seħħew ħafna bidliet. Fl-2006, il-Kummissjoni Ewropea adottat strateġija "Ewropa Globali", li timmodernizza l-aġenda tagħha għall-politika kummerċjali tal-UE u tfittex Ftehimiet kummerċjali aktar profondi. L-UE kkonkludiet Ftehimiet ma' pajjiżi oħra fir-reġjun (Ftehim Kummerċjali mal-Kolombja, l-Ekwador u l-Perù, Ftehim ta' Assoċjazzjoni mal-Amerika Ċentrali) u lil hinn, fost l-oħrajn mal-Kanada, il-Ġappun, New Zealand, Singapore u l-Vjetnam.

Iċ-Ċili ffirmat 26 Ftehim ta' Kummerċ Ħieles ma' 64 pajjiż, inkluż mal-Istati Uniti (2004), iċ-Ċina (2006) u l-Ġappun (2007). Iċ-Ċili nqas ukoll mal-Alleanza tal-Paċifiku u s-Sħubija Trans-Paċifika (issa l-Ftehim Komprensiv u Progressiv għas-Sħubija Trans-Paċifika).

Dawn il-Ftehimiet u n-negozjati jmorru ferm lil hinn mill-ambizzjoni u l-ambitu tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Ċili eżistenti fil-biċċa l-kbira tal-oqsma. B'riżultat ta' dan, iż-żewġ Partijiet esprimew interess favur l-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni biex ikomplu jtejbju r-rabtiet kummerċjali bejniethom u biex jikkontribwixxu għall-approfondiment tar-relazzjonijiet politiċi u ekonomiċi.

Matul laqgħa fil-marġini tas-Summit UE-CELAC li saret f'Santiago fis-26-27 ta' Jannar 2013, il-mexxejja mill-UE u miċ-Ċili qablu li jesploraw l-opzjonijiet biex jimmodernizzaw il-Ftehim Assoċjazzjoni, 10 snin wara d-dħul fis-seħħ tiegħu. F'April 2015, is-Sitt Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili approva t-twaqqif tal-grupp ta' ħidma konġunt ("il-Grupp") dwar l-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. L-objettiv tal-Grupp kien li jwettaq eżerċizzju esplorattiv billi jivvaluta l-livell ta' ambizzjoni tan-negozjati prospettivi għall-immodernizzar tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fl-oqsma kollha. Il-Grupp ħoloq żewġ sottogruppi, wieħed inkarigat mill-politika u minn kwistjonijiet ta' kooperazzjoni u l-ieħor mill-kummerċ. Is-sottogruppi kkonkludew il-ħidma tagħhom fl-okkażjoni tal-14-il Kumitat ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili li sar fil-31 ta' Jannar 2017.

Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex tniedi negozjati għal ftehim modernizzat maċ-Ċili biex jissostitwixxi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

¹ [...]

² *ĠUL 26, 31.1.2003.*

In-negozjati tnedew formalment fis-16 ta' Novembru 2017. In-negozjati tmexxew f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerka Latina u l-Karibew. Il-Kumitat tal-Politika Kummerċjali ġie kkonsultat dwar il-partijiet tal-Ftehim relatati mal-kummerċ.

L-UE u ċ-Ċili laħqu l-konklużjoni politika tan-negozjati fid-9 ta' Diċembru 2022 fi Brussell.

Il-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti bejn l-UE u ċ-Ċili hija bbażata fuq żewġ strumenti legali:

1. Ftehim Qafas Avvanzat (FQA), li se jinkludi a) il-pilastru Politiku u ta' Kooperazzjoni u b) il-pilastru tal-Kummerċ u l-Investment (inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment); kif ukoll
2. Ftehim Interim dwar il-Kummerċ (FIK) li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment. L-FIK se jiskadi meta jidħol fis-seħħ l-Ftehim Qafas Avvanzat.

L-FIK ġie propost għall-iffirmar u l-konklużjoni fl-istess ħin tal-FQA. Biex jidħol fis-seħħ, l-FIK se jkollu jiġi ratifikat miż-żewġ naħat. Min-naħa tal-UE se jkun jeħtieġ il-kunsens tal-Parlament Ewropew, segwit mill-adozzjoni tad-deċizzjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni. L-FIK, ladarba jiġi ratifikat u jidħol fis-seħħ, se jibqa' fis-seħħ sakemm l-FQA jiġi kompletament ratifikat u jidħol fis-seħħ.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-FIK jipprovdi qafas legali komprensiv modernizzat għar-relazzjonijiet kummerċjali u ta' investment bejn l-UE u ċ-Ċili. Mad-dħul fis-seħħ tal-FIK, il-Parti IV tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, inkluża kull deċizzjoni sussegwenti li jieħdu l-korpi istituzzjonali tagħha, ma jibqax ikollha effetti u tiġi sostitwita bl-FIK.

Il-Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Inbejjed u l-Ftehim dwar il-Kummerċ tal-Ispirti u x-Xorb Aromatizzat (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehimiet dwar l-Inbejjed u l-Ispirti"), li qabel kienu annessi mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni³, se jiġu inkorporati fl-FIK.

L-FIK huwa kompletament konformi mal-istrateġija "Kummerċ għal Kulħadd" ta' Ottubru 2015 billi jankra l-politika tal-kummerċ u tal-investment fi standards u valuri Ewropej u universali flimkien mal-interessi ekonomiċi ewlenin, u jagħmel enfasi akbar fuq l-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, il-protezzjoni tal-konsumatur, u l-kummerċ responsabbli u ġust.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-FIK huwa għalkollox konsistenti mal-politiki tal-Unjoni Ewropea, u mhux se jobbliga li l-UE temenda r-regoli, ir-regolamenti jew l-istandards tagħha f'xi qasam irregolat, pereżempju r-regoli tekniċi u l-istandards tal-prodotti, ir-regoli sanitarji u fitosanitarji, ir-regolamenti dwar l-ikel u dwar is-sikurezza, l-istandards tas-saħħa u tas-sikurezza, ir-regoli dwar l-OĖMs, il-ħarsien tal-ambjent jew il-protezzjoni tal-konsumatur.

L-FIK jinkludi wkoll kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, li jorbot il-Ftehim mal-oġġettivi ġenerali tal-UE ta' żvilupp sostenibbli u oġġettivi speċifiċi fl-oqsma tax-xogħol, l-ambjent u t-tibdil fil-klima. Dan se jgħin lill-UE tilħaq il-miri tagħha tal-Patt Ekoloġiku ta' tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali inklużivi, inkluż il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-Global Gateway. Barra minn hekk, Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp

³ Il-Ftehimiet ġew emendati fl-2005, fl-2006, fl-2009 u fl-aħħar fl-2022 (ĠU C287/19 tat-28 ta' Lulju 2022).

Sostenibbli li jinsabu fil-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili (“id-Dikjarazzjoni Konġunta”) hija meħmuża mal-Ftehim. Id-Dikjarazzjoni Konġunta tipprevedi li l-Partijiet, mad-dħul fis-seħħ tal-FIK, jibdew proċess ta’ rieżami formali tal-aspetti kummerċjali u ta’ żvilupp sostenibbli tiegħu sabiex jikkunsidraw l-inkorporazzjoni, kif xieraq, ta’ dispożizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jitqiesu rilevanti minn kull Parti f’dak iż-żmien, inkluż fil-kuntest tal-iżviluppi rispettivi tal-politika domestika tagħhom u l-prattika reċenti tagħhom fit-trattati internazzjonali. Tali dispożizzjonijiet addizzjonali jistgħu jkunu relatati, b’mod partikolari, mat-tisħiħ ulterjuri tal-mekkaniżmu ta’ infurzar tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, inkluża l-possibbiltà li tiġi applikata fażi ta’ konformità, u kontromiżuri adegwati bħala l-aħħar rimedju. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami, il-Partijiet se jikkunsidraw ukoll il-possibbiltà li jinkludu l-Ftehim ta’ Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala element essenzjali tal-Ftehimiet.

Barra minn hekk, l-FIK jissalvagwardja kompletament is-servizzi pubbliċi u jiżgura li d-dritt tal-gvernijiet li jirregolaw fl-interess pubbliku jiġi ppreservat mill-Ftehim u jikkostitwixxi prinċipju bażiku sottostanti tiegħu.

Il-Kooperazzjoni fir-Riċerka u l-Innovazzjoni hija f’konformità mal-Ftehim dwar il-kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, iffirmit f’Settembru 2002 u li daħal fis-seħħ f’Jannar 2007.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

F’konformità mat-Trattati u l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, b’mod partikolari mal-Opinjoni 2/15 tagħha tas-16 ta’ Mejju 2017 dwar l-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-UE u Singapore, l-oqsma kollha koperti mill-FIK jidħlu fil-kompetenza esterna esklużiva tal-UE u, b’mod aktar partikolari, fil-kamp ta’ applikazzjoni tal-Artikoli 91, 100(2) u 207 tat-TFUE.

Bħala riżultat ta’ dan, l-FIK għandu jiġi konkluż mill-Unjoni skont deċizzjoni tal-Kunsill abbażi tal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, wara li jingħata l-kunsens mill-Parlament Ewropew.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-FIK, kif ippreżentat lill-Kunsill, ma jkoprix kwistjonijiet li ma jaqgħux fil-kompetenza esterna esklużiva tal-UE.

• Proporzjonalità

Il-ftehimiet kummerċjali huma l-meżżi xierqa biex jirregolaw l-aċċess għas-suq u l-oqsma relatati ta’ relazzjonijiet ekonomiċi komprensivi ma’ pajjiż terz barra mill-UE. Ma jeżisti l-ebda mezz alternattiv biex tali impenji u sforzi ta’ liberalizzazzjoni jsiru legalment vinkolanti.

Din l-inizjattiva ssegwi direttament l-oġettivi tal-Unjoni fl-azzjoni esterna u tikkontribwixxi għall-prijorità politika tal-“UE bħala attur globali aktar b’saħħtu”. Hija f’konformità mal-orjentazzjonijiet tal-Istrateġija Globali tal-UE li tikkoopera ma’ Pajjiżi oħra u li tagħti spinta lis-sħubijiet esterni tagħha b’mod responsabbli, sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet esterni tal-UE. Dan jikkontribwixxi għall-oġettivi tal-UE dwar il-kummerċ u l-iżvilupp.

In-negozjati għall-FIK maċ-Ċili twettqu f’konformità mad-direttivi ta’ negozjar stipulati mill-Kunsill. L-eżitu tan-negozjati ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi ta’ politika stabbiliti fid-direttivi ta’ negozjar.

- **Għażla tal-istrument**

Din il-proposta hija konformi mal-Artikolu 218(6) tat-TFUE, li jipprevedi l-adozzjoni mill-Kunsill ta' deċiżjonijiet dwar il-konklużjoni ta' ftehimiet internazzjonali. Ma jeżisti l-ebda strument legali ieħor li jista' jintuża sabiex jintlaħaq l-oġettiv espress f'din il-proposta.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

“Evalwazzjoni tal-Impatt Ekonomiku tal-Pilastru tal-Kummerċ tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili” ġiet ikkummissjonata mill-Kummissjoni u tlestiet f'Marzu 2012. “Studju *Ex-ante* ta' Modernizzazzjoni Possibbli tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u ċ-Ċili” li jħares lejn l-opzjonijiet għall-modernizzazzjoni għie kummissjonat mill-Kummissjoni u tlesta fi Frar 2017.

Dawn il-valutazzjonijiet urew li, filwaqt li l-kopertura tal-pilastru kummerċjali eżistenti kienet komprensiva f'dak iż-żmien, kien hemm lok għal aktar titjib tar-regoli u l-ksib ta' aktar aċċess għas-suq. L-istudju kkonkluda wkoll li kien hemm bżonn li l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jiġi aġġornat mal-evoluzzjoni tax-xenarju kummerċjali globali.

Barra minn hekk, “Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà b'Appoġġ għan-Negożjati għall-Modernizzazzjoni tal-Parti Kummerċjali tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni maċ-Ċili” ġiet ikkummissjonata mill-Kummissjoni u tlestiet f'Mejju 2019.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-kuntratturi għall-istudji esterni mwettqa organizzaw għadd kbir ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, inkluż: siti web iddedikati għal dokumenti u attivitajiet marbuta mal-istudji; sħarriġ online tal-partijiet ikkonċernati; u intervisti individwali.

Fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt, id-DĠ Kummerċ ikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati inklużi n-negożji, il-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili, l-NGOs, it-trade unions kif ukoll l-assoċjazzjonijiet tal-kummerċ, il-kmamar tal-kummerċ u interessi privati oħra, dwar il-modernizzazzjoni. Dawn il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati kienu jinvolvu attivitajiet differenti ta' konsultazzjoni inkluża konsultazzjoni pubblika miftuħa online.

Dawn l-istudji esterni, u l-konsultazzjonijiet li saru fil-kuntest tat-tħejjija tagħhom, ipprovdeu lill-Kummissjoni b'kontribut li kien ta' valur kbir fin-negożjati tal-FIK.

Matul in-negożjati, ġew organizzati wkoll laqgħat biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu infurmati dwar l-*istatus* tan-negożjati u biex isir skambju ta' fehmiet dwar il-modernizzazzjoni.

In-negożjati twettqu f'konsultazzjoni mal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Amerika Latina u l-Karibew dwar l-aspetti politiċi u ta' kooperazzjoni ta' dan il-Ftehim, u f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali dwar l-aspetti kummerċjali ta' dan il-Ftehim, bħala l-kumitat speċjali maħtur mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 218(4) TFUE. Il-Parlament Ewropew u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġew infurmati regolarment ukoll permezz tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali (INTA), b'mod partikolari l-Grupp ta' Monitoraġġ tiegħu dwar iċ-Ċili, u l-Kumitat għall-Affarijiet Barranin. It-testi li progressivament irriżultaw min-negożjati ġew iċċirkolati matul il-proċess liż-żewġ istituzzjonijiet.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

L-“Evalwazzjoni *ex post* tal-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Kummerċ Ħieles bejn l-UE u ċ-Ċili” (*Ex-post evaluation of the implementation of the EU-Chile Free Trade Agreement*) twettqet mill-kuntrattur estern “ITAQA SARL”.

L-“Istudju *Ex ante* ta’ Modernizzazzjoni Possibbli tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni UE-Ċili” (*Ex ante Study of a Possible Modernisation of the EU-Chile Association Agreement*) twettaq mill-kuntrattur estern “Ecorys-Case”.

Il-“Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (SIA) b’appoġġ għan-negozjati għall-modernizzazzjoni tal-pilastru kummerċjali tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni maċ-Ċili” (*Sustainability Impact Assessment (SIA) in support of the negotiations for the modernisation of the trade pillar of the Association Agreement with Chile*) twettqet mill-kuntrattur estern “BKP Development Research & Consulting”⁴.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta kienet appoġġata minn Valutazzjoni tal-Impatt ippubblikata f’Mejju 2017⁵ li rċeviet opinjoni pożittiva (SWD/2017/0173 final).

Il-Valutazzjoni tal-Impatt ikkonkludiet li negozjar komprensiv iwassal għal benefiċċji pożittivi kemm għall-UE kif ukoll għaċ-Ċili. Tali benefiċċji kienu jinkludu żidiet fil-PDG, fil-protezzjoni soċjali u fl-esportazzjonijiet, fl-impjiegi, fil-pagi (kemm għal ħaddiema inqas kwalifikati kif ukoll għal dawg aktar kwalifikati), fil-kompetittività kif ukoll pożizzjoni mtejbja kemm għall-UE kif ukoll għaċ-Ċili fir-rigward ta’ kompetituri globali oħrajn. L-inklużjoni ta’ dispożizzjonijiet dwar l-iżvilupp sostenibbli jkollha wkoll impatt pożittiv fuq il-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u r-rispett għalihom kif ukoll l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards ewlenin tax-xogħol tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (International Labour Organisation - ILO).

Barra minn hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt għas-Sostenibbiltà (VIS) imwettqa matul in-negozjati ttipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-impatti ekonomiċi, soċjali u ambjentali potenzjali ta’ żieda fil-liberalizzazzjoni tal-kummerċ skont l-FIK fl-UE u ċ-Ċili. Il-VIS tanalizza wkoll l-impatti potenzjali tal-modernizzazzjoni fuq id-Drittijiet tal-Bniedem u fuq is-setturi tal-manifattura, tal-agrikoltura u tas-servizzi.

L-UE u ċ-Ċili laħqu ftehim ambizzjuż f’konformità mal-aktar ftehimiet kummerċjali reċenti bħas-CETA, il-Ġappun u New Zealand. Il-Ftehim se jiftaħ opportunitajiet ġodda għall-kummerċ u l-investiment fiż-żewġ swieq u se jappoġġa l-impjiegi fl-UE.

Fost l-oħrajn, l-FIK se jneħħi l-bieċa l-kbira tad-dazji doganali, jestendi l-aċċess għall-kuntratti pubbliċi, jiftaħ is-suq tas-servizzi, joffri kundizzjonijiet prevedibbli għall-investituri u se jgħin biex jiġi evitat l-ikkupjar illegali ta’ innovazzjonijiet u prodotti tradizzjonali tal-UE. L-FIK fih ukoll il-garanziji kollha biex ikun żgurat li l-kisbiet ekonomiċi ma jseħħux għad-detriment tad-drittijiet fundamentali, tal-istandards soċjali, tad-dritt tal-gvern li jirregola, tal-ħarsien tal-ambjent jew tas-saħħa u s-sigurtà tal-konsumaturi.

⁴ https://policy.trade.ec.europa.eu/analysis-and-assessment/sustainability-impact-assessments_en#chile

⁵ <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX:52017SC0173>

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-FIK mhuwiex suġġett għall-proċeduri tar-REFIT. Madankollu, jinkludi qafas għal proċeduri simplifikati ta' kummerċ u investiment, tnaqqis fl-ispejjeż relatati mal-esportazzjoni u l-investiment u għalhekk se jżid l-oportunitajiet ta' kummerċ u investiment għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju. Fost il-benefiċċji mistennija hemm żieda fit-trasparenza, inqas piż tar-regoli tekniċi, rekwiżiti ta' konformità, proċeduri doganali u regoli tal-oriġini, protezzjoni mtejba tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, aċċess aħjar għall-proċeduri tal-offerti fil-qasam tal-akkwist, kif ukoll kapitolu speċjali biex l-SMEs ikunu jistgħu jimmassimizzaw il-benefiċċji tal-Ftehim.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma taffettwax il-ħarsien tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni.

4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAĠIT

L-FIK se jkollu impatt negattiv limitat fuq il-baġit tal-UE fil-forma ta' eliminazzjoni tad-dazji doganali minħabba l-liberalizzazzjoni tat-tariffi. Huwa mistenni li jkun hemm impatti pożittivi indiretti f'termini ta' żidiet f'riżorsi marbuta mat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-introjtu nazzjonali gross.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-FIK jinkludi dispożizzjonijiet istituzzjonali li jistabbilixxu struttura għall-korpi ta' implimentazzjoni biex jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni, l-operat u l-impatt.

Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-FIK jistabbilixxu l-funzjonijiet u l-kompiti speċifiċi tal-Kunsill tal-Kummerċ u tal-Kumitat tal-Kummerċ li se jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-FIK.

Il-Kumitat tal-Kummerċ se jassisti lill-Kunsill tal-Kummerċ fit-twettiq tal-funzjoni tiegħu u jissorvelja l-ħidma tas-Sottokumitati kollha u tal-korpi oħra stabbiliti skont l-FIK. Il-Kumitat tal-Kummerċ kien magħmul minn rappreżentanti tal-UE u taċ-Ċili b'responsabbiltà għal kwistjonijiet relatati mal-kummerċ li se jiltaqgħu kull sena jew b'talba ta' waħda miż-żewġ partijiet.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-FIK jwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-qafas kummerċjali bilaterali attwali u jaġġustah għall-isfidi globali politiċi u ekonomiċi ġodda, għar-realtà l-ġdida tas-sħubija bejn l-UE u ċ-Ċili u għal-livell ta' ambizzjoni tal-ftehimiet kummerċjali u n-negozjati konklużi reċentement mill-UE u ċ-Ċili.

L-FIK joħloq qafas legalment vinkolanti li huwa koerenti, komprensiv u aġġornat għar-relazzjonijiet tal-UE maċ-Ċili. Se jrawwem il-kummerċ u l-investiment billi jikkontribwixxi għall-espansjoni u d-diversifikazzjoni tar-relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali.

L-FIK jinkludi wkoll mekkaniżmu ta' konsultazzjoni tas-soċjetà ċivili estiż għall-Ftehim kollu biex is-soċjetà ċivili fuq iż-żewġ naħat ikollha vuċi rigward id-dispożizzjonijiet kollha fil-Ftehim.

F'konformità mal-oġettivi stabbiliti mid-direttivi ta' negozjar, l-FIK se jiġġenera:

Aċċess imtejjeb għas-suq għall-esportazzjonijiet agrikoli u tas-sajd u regoli mtejjba

Skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni attwali, il-prodotti industrijali kollha u parti konsiderevoli mill-prodotti agrikoli u tas-sajd kienu diġà ġew liberalizzati. Bil-modernizzazzjoni, il-kapitolu dwar il-Kummerċ fil-Prodotti jirriżulta f'liberalizzazzjoni sħiħa għal aktar minn 99 % tal-linji tariffarji kollha.

Fl-istess ħin, l-FIK jieħu kont komplet tas-sensittivitajiet agrikoli tal-UE. L-UE mhux se tilliberalizza għalkollox is-swieq tagħha għal prodotti sensittivi ħafna, bħall-pollam, iċ-ċanga, il-majjal u ż-żejt taż-żebuga. Dawn il-prodotti importati miċ-Ċili se jkollhom aċċess limitat u kkontrollat biss għas-suq tal-UE permezz ta' kwoti tariffarji kkalibrati bir-reqqa li jqisu t-tassib tal-bdiewa Ewropej u l-preferenzi tal-konsumaturi.

Barra minn hekk, it-test li jirrigwarda l-Kummerċ fil-Merkanzija fih regoli addizzjonali u aktar estensivi li se jiffaċilitaw il-kummerċ bejn l-UE u ċ-Ċili. Dan jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-tariffi u l-formalitajiet, il-liċenzjar tal-importazzjoni u l-esportazzjoni, il-projbizzjoni tad-dazji fuq l-esportazzjoni, u l-konsolidament tat-tariffi li għalihom mhijiex prevista l-eliminazzjoni sħiħa tad-dazju (*status quo*). Fih ukoll dispożizzjonijiet tal-ġenerazzjoni ġdida dwar il-kompetizzjoni fl-esportazzjoni, ir-rimanifattura, merkanzija introdotta wara t-tiswija u dispożizzjonijiet li jiffaċilitaw id-dħul temporanju tal-merkanzija.

Regoli tal-Oriġini Simplifikati

Ir-Regoli tal-Oriġini (RtO) ġew rieżaminati u f'xi każijiet issimplifikati biex titqies il-ħtieġa tal-industrija, pereżempju, għal prodotti industrijali ewlenin bħall-karozzi jew il-farmaċewtiċi.

Proċeduri fuq il-fruntiera modernizzati u simplifikati

L-FIK fih Kapitolu ambizzjuż dwar il-Faċilitazzjoni Doganali u Kummerċjali bbażat fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tad-WTO dwar il-Faċilitazzjoni tal-Kummerċ (Agreement on Trade Facilitation - TFA) u f'ċerti oqsma jmur saħansitra lil hinn. L-UE u ċ-Ċili jimpenjaw ruħhom li japplikaw proċeduri simplifikati, moderni u fejn possibbli awtomatizzati għar-rilaxx effiċjenti u mħaffef tal-merkanzija permezz ta' rekwiżiti simplifikati dwar id-*data* u d-dokumentazzjoni, ipproċessar tad-dokumentazzjoni u tal-informazzjoni doganali qabel jaslu kif ukoll ġestjoni tar-riskju effettiva u mhux diskriminatorja.

Jiġi ggarantit kummerċ u kundizzjonijiet tan-negozju ġusti

Sabiex il-prattiki kummerċjali inġusti jkunu jistgħu jiġu ttrattati b'mod effiċjenti u effettiv, sar qbil dwar dixxiplini mtejjba rigward ir-rimedji kummerċjali. Barra minn hekk, l-FIK fih dispożizzjonijiet li jipproteġu l-industriji domestiċi f'każ li ż-żieda fl-importazzjonijiet ta' prodott li tirriżulta mill-Ftehim tikkawża, jew tirriskja li tikkawża, dannu serju lil dik l-industrija. L-FIK fih ukoll kapitolu dwar is-sussidji li jgħin biex ikun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-kumpaniji tal-UE u dawk Ċileni permezz ta' aktar trasparenza għas-sussidji kemm għall-prodotti kif ukoll għas-servizzi, konsultazzjonijiet jekk ikun hemm riskju li s-sussidji jkollhom effett negattiv fuq il-kummerċ, u regoli dwar is-sussidji l-aktar dannużi (għajjnuna għar-ristrutturar mingħajr pjan ta' ristrutturatur u garanziji illimitati).

L-FIK jiżgura wkoll li l-kumpaniji jirrispettaw il-prinċipji bażiċi tal-kompetizzjoni: l-ebda abbuż ta' pożizzjoni dominanti, l-ebda ftehim bejn intrapriżi li jirrestrinġi l-kompetizzjoni, u

skrutinju tal-effetti kompetittivi ta' fużjoni. Fl-istess ħin, l-FIK se jiżgura l-kundizzjonijiet ekwi bejn l-intrapriżi pubbliċi u privati fis-suq. L-intrapriżi tal-istat, l-intrapriżi mogħtija drittijiet jew privileġġi speċjali u l-monopolji ddeżinjati jridu jaġixxu b'mod mhux diskriminatorju u abbażi ta' kunsiderazzjonijiet kummerċjali meta jixtru u jbigħu oġġetti u servizzi fis-suq.

L-iżgurar tas-sostenibbiltà

L-FIK fih kapitoli komplet ambizzjuż dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli, biex tissaħħaħ l-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli fir-relazzjoni kummerċjali u ta' investiment tal-Partijiet permezz ta' impenji legalment vinkolanti dwar il-protezzjoni ambjentali, it-tibdil fil-klima u d-drittijiet tax-xogħol, dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni u d-djalogu, inkluż mas-soċjetà ċivili, kif ukoll proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim.

Barra minn hekk, l-FIK huwa l-ewwel ftehim kummerċjali konkluż mill-UE li jinkludi Kapitolu ddedikat dwar il-Kummerċ u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri. Dan il-Kapitolu jinkorpora perspettiva tal-ġeneru fil-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku inklużiv. F'dan il-Kapitolu, l-UE u ċ-Ċili jafferaw mill-ġdid l-impenn tagħhom li jimplimentaw b'mod effettiv l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Kontra n-Nisa kif ukoll skont ftehimiet multilaterali oħra li jindirizzaw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew id-drittijiet tan-nisa. Fi klawżola ta' nonrigressjoni, l-UE u ċ-Ċili jimpenjaw ruħhom li ma jdgħajfx jew inaqsu l-livelli ta' protezzjoni mogħtija skont il-liġijiet rispettivi tagħhom bl-għan li jiżguraw l-ugwaljanza bejn il-ġeneri jew l-opportunitajiet indaqs għan-nisa u l-irġiel, u lanqas li jirrinunzjaw jew altrimenti jidderogaw minn tali liġijiet, sabiex jinkoraġġixxu l-kummerċ jew l-investiment.

Fl-aħħar nett, Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Ċili dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli hija meħmuża mal-FIK, li fiha l-UE u ċ-Ċili esprimew l-intenzjoni konġunta tagħhom li jibdew rieżami tal-kapitolu dwar il-Kummerċ u s-Sostenibbiltà mad-dħul fis-seħħ tal-FIK, sabiex tiġi kkunsidrata l-inkorporazzjoni, kif xieraq, ta' dispożizzjonijiet addizzjonali li jistgħu jitqiesu rilevanti minn xi Parti f'dak iż-żmien. F'dan ir-rieżami, l-UE se tkun iggwidata mill-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, intitolata "Is-saħħa tas-shubji tal-kummerċ: flimkien għal tkabbir ekonomiku ekoloġiku u ġust" (COM (2022) 409 final), b'mod partikolari fir-rigward tat-tisħiħ ulterjuri tal-mekkaniżmu ta' infurzar. Mingħajr preġudizzju għall-eżitu tar-rieżami, l-UE u ċ-Ċili se jikkunsidraw ukoll il-possibbiltà li jinkludu l-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima bħala element essenzjali tal-Ftehimiet.

Tingħata attenzjoni lill-ħtiġijiet ta' negozji iżgħar

L-FIK jeżiġi li l-UE u ċ-Ċili jistabbilixxu sit web għall-Intrapriżi Żgħira u ta' Daqs Medju (SMEs) li se jagħmilha aktar faċli għall-SMEs biex jaċċessaw l-informazzjoni u għalhekk jibbenefikaw mid-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim. Il-punti ta' kuntatt fl-UE u fiċ-Ċili se jaħdmu flimkien biex iqisu l-ħtiġijiet speċifiċi tal-SMEs u jidentifikaw modi kif dawn jistgħu jieħdu vantaġġ mill-opportunitajiet ġodda f'dawn iż-żewġ swieq.

Opportunitajiet għall-fornituri tas-servizzi u regoli għall-kummerċ diġitali

L-FIK fih dixxiplini komprensivi li jkopru l-aċċess għas-suq għas-servizzi u l-investiment fis-setturi kollha tal-ekonomija, u dixxiplini speċifiċi li jkopru l-kummerċ diġitali. Huwa għandu l-għan li jistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi b'mod partikolari għall-fornituri tas-servizzi tal-UE involuti f'setturi bħat-telekomunikazzjoni u s-servizzi finanzjarji, kif ukoll f'oqsma bħas-servizzi ta' konsenja u s-servizzi marittimi. L-FIK jipprovdi wkoll qafas għall-Partijiet biex jirrikonossu l-kwalifika ta' xulxin fi professjonijiet regolati bħal periti, kontabilisti, avukati u

inginjera. Fil-kummerċ diġitali, il-ftehim jistabbilixxi dixxiplini orizzontali, inkluż għal oqsma bħall-kummerċ online ta' oġġetti jew servizzi, u li huma indispensabbli għall-funzjonament tajjeb tal-kummerċ online.

L-inkoraġġiment tal-investment

L-FIK fih dispożizzjonijiet li jlliberalizzaw l-investment billi jsegwu l-istess approċċ bħall-aktar ftehimiet kummerċjali ambizzjużi tal-UE konklużi sa issa. B'mod partikolari, id-dixxiplini sostantivi kollha taħt dan il-Kapitolu se japplikaw b'mod identiku kemm għas-setturi tas-servizzi kif ukoll għal dawg mhux tas-servizzi. B'mod partikolari, l-investituri u l-investimenti tagħhom se jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-impenn li jipprovdu trattament mhux diskriminatorju meta mqabbla ma' investituri domestiċi jew f'pajjiżi terzi, kif ukoll mid-dixxiplini ambizzjużi għal ostakli nondiskriminatorji għall-aċċess għas-suq, fil-forma ta' restrizzjonijiet kwantitattivi mhux diskriminatorji bħal monopolji u drittijiet esklużivi, kwoti, u testijiet tal-ħtiġijiet ekonomiċi.

Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, bħar-rekwiżiti biex jinkiseb ċertu livell ta' kontenut lokali jew biex tiġi ttrasferita t-teknoloġija, bħala kundizzjoni marbuta mal-istabbiliment jew l-operat ta' kwalunkwe intrapriża, se jkunu pprojbiti filwaqt li jitqiesu kif xieraq is-sensittivitajiet tal-Partijiet, u b'hekk jissaħħu d-dixxiplini eżistenti skont il-ftehim TRIMS tad-WTO.

Karatteristika speċifika tal-Kapitolu dwar l-Investment innegożjat maċ-Ċili hija li jipprevedi trattament nazzjonali ta' intrapriżi stabbiliti lokalment fir-rigward tax-xiri ta' oġġetti u servizzi permezz tal-akkwist pubbliku, impenn li normalment jinstab fil-Kapitolu dwar l-Akkwist Pubbliku fi ftehimiet oħra tal-UE.

L-impenji ta' liberalizzazzjoni tal-Partijiet huma soġġetti għal esklużjonijiet definiti b'mod strett (bħal għas-settur awdjoviżiv), u riżervi speċifiċi li jew jillimitaw il-grad ta' ftuħ rispettiv tal-Partijiet, jew jiddefinixxu l-ispazju ta' politika futur mixtieq għal setturi meqjusa partikolarment sensittivi. Ir-riżervi huma skedati permezz ta' approċċ ta' "lista ibrida", jiġifieri "lista pożittiva" għall-obbligi tal-aċċess għas-suq (ibbażata fuq lista ta' setturi speċifiċi li huma impenjati), u "lista negattiva" (is-setturi kollha impenjati bl-eċċezzjoni ta' riżervi speċifiċi għal ċerti setturi) għall-obbligi sostantivi l-oħra kollha. L-impenji speċifiċi tal-Partijiet jirriflettu livell għoli ta' liberalizzazzjoni, li jikkorrispondi għall-aktar ftehimiet ambizzjużi tagħhom konklużi sa issa, inklużi impenji komprensivi ta' aċċess għas-suq għal setturi mhux ta' servizz).

Aċċess għall-offerti pubbliċi Ċileni

L-FIK jipprevedi aktar opportunitajiet għall-offerenti biex jaċċessaw kuntratti ta' akkwist pubbliku. Iċ-Ċili fetaħ is-sejħiet tiegħu għall-offerti pubbliċi lill-kumpaniji tal-UE f'miżura ikbar milli mas-sħab kummerċjali l-oħrajn tiegħu. Il-kumpaniji tal-UE se jkunu jistgħu jagħmlu offerti biex jipprovdu oġġetti u servizzi mhux biss fil-livell ċentrali iżda wkoll fil-livell subċentrali. L-UE u ċ-Ċili jimpenjaw ruħhom ukoll li l-proċeduri tal-akkwist pubbliku tagħhom jagħmluhom soġġetti għal sett modern ta' regoli, u japplikaw standards għoljin ta' trasparenza, nondiskriminazzjoni u trattament ugwali.

Ikun hemm protezzjoni aħjar għall-innovazzjoni u x-xogħlijiet kreattivi

L-FIK jistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi billi jiżgura li ċ-Ċili u l-UE jsegwu wkoll approċċ komuni dwar l-infurzar tad-Drittijiet tal-Proprietà Intellettuali (DPI) u li ż-żewġ naħat jieħdu azzjoni biex jiġġieldu kontra l-kontraffazzjoni u l-piraterija u l-prattiki antikompetittivi. Dan jiżgura livell għoli ta' protezzjoni tad-DPI u l-infurzar tagħhom. Dan jinkludi wkoll il-protezzjoni reċiproka ta' lista magħżula ta' Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IG) tal-UE u taċ-Ċili. Fil-każ tal-UE, se jiġu protetti 216-il IG tal-UE. Dan minbarra l-ftehimiet eżistenti dwar l-inbejjed u l-ispirti, li jipproteġu 1745 IG għall-inbejjed u 257 IG għall-ispirti u ħamsa għall-

inbejjed aromatizzati mill-UE fiċ-Ċili. Dawn il-listi tal-IG ġew aġġornati wkoll fi proċess parallel.

L-iżgurar ta' kummerċ sikur u sostenibbli fil-prodotti agroalimentari

L-FIK jinkludi kapitolu dwar kwistjonijiet Sanitarji u Fitosanitarji (Sanitary and Phytosanitary, SPS) li jipprovdi ħafna miżuri speċifiċi ta' faċilitazzjoni tal-kummerċ. Dan mistenni jippermetti kummerċ aktar rapidu iżda sikur. Kemm l-UE kif ukoll iċ-Ċili jżommu d-dritt tagħhom li jistabbilixxu l-livell ta' protezzjoni li huma jqisu xieraq.

Barra minn hekk, l-FIK jinkludi kapitolu dwar is-Sistema tal-Ikel Sostenibbli li jipprevedi kooperazzjoni dwar aspetti speċifiċi ta' sistemi tal-ikel sostenibbli, bħas-sostenibbiltà tal-katina alimentari u t-tnaqqis tat-telf u l-ħela tal-ikel, il-ġlieda kontra l-frodi alimentari tul il-katina alimentari, it-trattament xieraq tal-annimali, il-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi u t-tnaqqis tal-użu u r-riskju tal-fertilizzanti kif ukoll tal-pestiċidi kimiċi, li jimplikaw riskji inaċċettabbli għas-saħħa jew għall-ambjent kif juru l-valutazzjonijiet rilevanti. Fost l-attivitajiet ta' kooperazzjoni għall-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi, l-UE u iċ-Ċili qablu li jeliminaw gradwalment l-użu tal-antibijotiċi bħala promoturi tat-tkabbir.

L-iżgurar li r-regolamenti tekniċi, l-istandards, u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità ma jkunux diskriminatorji u ma jgħolqux ostakli bla bżonn għall-kummerċ

Sabiex tiżdied il-konverġenza regolatorja bejn iċ-Ċili u l-UE abbażi tal-istandardizzazzjoni internazzjonali, il-Partijiet qablu dwar lista magħluqa ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istandardizzazzjoni u tennew l-impenn tagħhom li jibbażaw ir-regolamenti tekniċi u l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom fuq standards internazzjonali rilevanti żviluppati minn dawn l-organizzazzjonijiet. L-FIK jenfasizza l-importanza tal-valutazzjonijiet tal-impatt fit-tnejn tar-regolamenti tekniċi u tal-valutazzjonijiet tal-konformità. Jippromwovi approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-valutazzjoni tal-konformità, inkluża l-konsiderazzjoni tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-fornitur, u l-użu tal-akkreditazzjoni biex jikkwalifikaw il-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità, inklużi l-mekkaniżmi tal-Kooperazzjoni Internazzjonali għall-Akkreditazzjoni tal-Laboratorji (International Laboratory Accreditation Cooperation, ILAC) u l-Forum Internazzjonali tal-Akkreditazzjoni (International Accreditation Forum, IAF). Minbarra d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-kooperazzjoni regolatorja li permezz tagħhom iċ-Ċili u lill-UE se jkunu jistgħu jikkooperaw dwar kwistjonijiet regolatorji futuri ta' interess reċiproku, l-FIK jistabbilixxi wkoll kooperazzjoni speċifika dwar is-sorveljanza tas-suq u s-sikurezza tal-prodotti li tipprevedi l-iskambju ta' informazzjoni dwar prodotti mhux konformi jew perikolużi fis-swieq rispettivi. Il-Partijiet qablu wkoll rigward anness dwar il-vetturi bil-mutur, li se jiffaċilita l-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur ġodda u l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tal-approvazzjoni tat-tip.

Trasparenza u Prattiki Regolatorji Tajbin

L-FIK jinkludi Kapitolu dwar it-Trasparenza b'dispożizzjonijiet ambizzjużi dwar il-pubblikazzjoni, l-amministrazzjoni, u r-rieżami u l-appell ta' miżuri ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' kwistjonijiet kummerċjali u Kapitolu li jistabbilixxi sett ta' Prattiki Regolatorji Tajbin li l-UE u iċ-Ċili se jużaw meta jiżviluppaw ir-regolamenti.

Proċeduri Moderni dwar is-Soluzzjoni tat-Tilwim

L-FIK jinkludi dispożizzjonijiet dwar is-Soluzzjoni ta' Tilwim bejn Stat u ieħor li jistabbilixxu proċeduri moderni effettivi u trasparenti bbażati fuq proċess ġust għall-prevenzjoni u s-soluzzjoni ta' kwalunkwe tilwim bejn iċ-Ċili u l-UE.

Struttura Istituzzjonali

Fl-aħħar nett, l-istruttura istituzzjonali tal-FIK hija magħmula minn Kunsill tal-Kummerċ, Kumitat tal-Kummerċ u għadd ta' Sottokumitati. Il-Kunsill tal-Kummerċ jissorvelja t-tweqqif tal-oġġetti tal-FIK u jissorvelja l-implimentazzjoni tiegħu. Fil-qadi ta' dmirijietu, huwa assistit mill-Kumitat tal-Kummerċ, responsabbli għall-implimentazzjoni ġenerali tal-FIK, inklużi d-definizzjoni u s-supervizzjoni tad-djalogi settorjali.

Il-Kunsill tal-Kummerċ u l-Kumitat tal-Kummerċ jistgħu jistabbilixxu Sottokumitati u korpi oħra addizzjonali biex jassistu fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom u biex jindirizzaw kompiti jew suġġetti speċifiċi.

Il-Partijiet għandhom jippromwovu l-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fl-implimentazzjoni tal-FKA, b'mod partikolari permezz tal-interazzjoni mal-Forum tas-Soċjetà Ċivili msemmi fl-Artikolu 33.7, u mal-Grupp Konsultattiv Domestiku rispettiv tagħhom, imsemmi fl-Artikolu 33.6.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91(1), l-Artikolu 100(2), u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-punt (a)(v) tal-Artikolu 218(6), u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew⁶,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex iniedu negozjati għal ftehim modernizzat maċ-Ċili biex jissostitwixxi l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.
- (2) Fid-9 ta' Diċembru 2022, in-negozjati bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-Ċili ġew konklużi b'suċċess.
- (3) Il-modernizzazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni eżistenti bejn l-UE u ċ-Ċili tipprevedi żewġ strumenti legali:
 - il-Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, li jinkludi a) il-pilastru Politiku u ta' Kooperazzjoni u b) il-pilastru tal-Kummerċ u l-Investment (inklużi d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tal-investment);
 - u l-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili ("il-Ftehim"), li jkopri l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ u tal-investment, li se jieqaf milli jkollu effett u se jiġi sostitwit mill-Ftehim Qafas Avvanzat mad-dħul fis-seħħ ta' dan tal-aħħar.
- (4) Dikjarazzjoni Konġunta mill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili dwar id-Dispożizzjonijiet dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli li jinsabu fil-Ftehim Interim dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili ("id-Dikjarazzjoni Konġunta") hija meħmuża mal-Ftehim.
- (5) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru [XX]⁷, il-Ftehim ġie ffirmat fi [XX XXX 2023], soġġett għall-konklużjoni tiegħu. L-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili approvaw ukoll id-Dikjarazzjoni Konġunta fl-istess jum.

⁶ ĠU C , , p. .

⁷ [Tiddaħħal ir-referenza]

- (6) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tapprova f'isem l-Unjoni l-pożizzjoni li għandha tittieħed dwar ċerti modifiki għall-Ftehim li għandhom jiġu adottati permezz ta' proċedura simplifikata skont l-Artikoli 21.20 u 33.11(6) tal-Ftehim, u minn korp stabbilit mill-Ftehim skont l-Artikolu 25.34 u s-subparagrafu (a) (x) tal-Artikolu 33.1(6) tal-Ftehim.
- (7) Jenħtiegħ li l-Ftehim u d-Dikjarazzjoni Konġunta meħmuża mal-Ftehim jiġu approvati f'isem l-Unjoni,
- (8) Il-Ftehim, f'konformità mal-Artikolu 33.14, fl-Unjoni ma jagħtix drittijiet jew jimponi obbligi fuq persuni, għajr dawk maħluqa bejn il-Partijiet skont id-dritt internazzjonali pubbliku,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim u d-Dikjarazzjoni Konġunta huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni. It-test tal-Ftehim u tad-Dikjarazzjonijiet Konġunti huma meħmuża ma' din id- Deċiżjoni.

Artikolu 2

Għall-finijiet tal-Artikolu 21.20 tal-Ftehim, il-modifiki jew ir-rettifiki fir-rigward tal-Anness 21-A tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Għall-finijiet tal-Artikolu 25.34 u s-subparagrafu (a) (x) tal-Artikolu 33.1(6) tal-Ftehim, l-emendi tal-Anness 25-C tal-Ftehim għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 4

Għall-finijiet tal-Artikolu 33.11(6) tal-Ftehim, l-emendi tal-appendiċijiet tal-Ftehim dwar il-Kummerċ fl-Inbid fl-Anness V tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni ffirmat mill-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta' Ċili, min-naħa l-oħra, fit-18 ta' Novembru 2002 (il-“Ftehim ta' Assoċjazzjoni”), kif inkorporat fil-Ftehim, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

Għall-finijiet tal-Artikolu 33.11(6) tal-Ftehim, l-emendi tal-appendiċijiet tal-Ftehim dwar ix-Xorb Spirituż u x-Xorb Aromatizzat fl-Anness VI tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, kif inkorporati fil-Ftehim, għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni.

Artikolu 5

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata li taħtar il-persuna awtorizzata li tipproċedi, f'isem l-Unjoni, għan-notifika prevista fl-Artikolu 33.10 tal-Ftehim, biex tesprimi l-kunsens tal-Unjoni li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha⁸.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁸ Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.